

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 63

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

2 ta' Marzu 2022

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/345 tal-1 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** 1

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/346 tal-1 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** 5

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/345

tal-1 ta' Marzu 2022

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/346 tal-1 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 ⁽²⁾.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jgħib fis-seħħ ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ⁽³⁾.
- (3) Fl-1 ta' Marzu 2022 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/346, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK u li timponi miżuri restrittivi ulterjuri fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati lil ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu Russi u s-sussidjarji Russi tagħhom, li huma rilevanti għas-sistema finanzjarja Russa u li huma diġa' soġġetti għal miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni jew mill-pajjiżi sħab u, suġġett għal ċerti eċċezzjonijiet, fir-rigward tal-impenn mal-Fond Russi tal-Investment Dirett. Hija tipprojbixxi wkoll, suġġett għal ċerti eċċezzjonijiet, il-provvista ta' karti tal-flus tal-euro lir-Russja.
- (4) Dawn il-miżuri jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat u, għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li huwa jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (6) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

⁽¹⁾ ĠU L 63, 2.3.2022.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2d, paragrafi 1 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija u ċ-ċaħdjet li jinħarġu skont l-Artikoli 2, 2a u 2b mal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni. L-iskambju tal-informazzjoni għandu jsir permezz tas-sistema elettronika prevista skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2021/821.

4. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri għandha, fejn xieraq u fuq il-bażi ta' reċiproċità, tiskambja informazzjoni ma' pajjiżi sħab, bil-ħsieb li tappoġġa l-effettività tal-miżuri ta' kontroll tal-esportazzjoni skont dan ir-Regolament u l-applikazzjoni konsistenti ta' miżuri ta' kontroll tal-esportazzjoni applikati minn pajjiżi sħab.”;

(2) fl-Artikolu 2e, jiżdiedu l-paragrafi ġejjin:

“3. Għandu jkun ipprobit li wieħed jinvesti, jipparteċipa jew jikkontribwixxi b'xi mod ieħor għal proġetti kofinanzjati mill-Fond Russu tal-Investment Dirett.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt daww il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, xi parteċipazzjoni ta' investment fi, jew kontribuzzjoni għal, proġetti kofinanzjati mill-Fond Russu tal-Investment Dirett, wara li jkunu ddeterminaw li tali parteċipazzjoni ta' investment jew kontribuzzjoni tkun dovuta taħt kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Marzu 2022 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.”;

(3) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 5h

Għandu jkun ipprobit li mit-12 ta' Marzu 2022 jiġu pprovduti servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati, li jintużaw għall-iskambju ta' data finanzjarja, lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness XIV jew lil xi persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja li jkollhom sjiċda, direttament jew indirettament, ta' 50% jew aktar tad-drittijiet proprjetarji ta' xi entità elenkata fl-Anness XIV.

Artikolu 5i

1. Għandu jkun ipprobit li jinbiegħu, jiġu pprovduti, trasferiti jew esportati karti tal-flus tal-euro lejn ir-Russja jew lil xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluż il-gvern u l-Bank Ċentrali tar-Russja, jew biex jintużaw fir-Russja.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fil-każ ta' bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro sakemm tali bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni jkun neċessarju għal:

- (a) l-użu personali ta' persuni fiżiċi li jkunu qegħdin jivvjaġġaw lejn ir-Russja, jew il-membri tal-familji immedjati tagħhom li jkunu qegħdin jivvjaġġaw magħhom; jew
- (b) l-iskopijiet uffiċjali ta' misjonijiet diplomatiċi, postijiet konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali.”;

(4) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 12

Għandha tkun ipprobita l-parteċipazzjoni, konxja jew inkonxja, f'attivitajiet li l-iskop jew l-effett tagħhom ikun dak li jiġu evitati l-projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament, inkluż bl-aġir ta' sostitut għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikoli 2e(3), 5, 5a, 5b, 5e, 5f, 5h u 5i jew bl-aġir għall-benefiċċju tagħhom bl-użu tal-eċċezzjonijiet li hemm fl-Artikoli 2e(4), 5(6), 5a(2), 5b(2), 5e(2), 5f(2) jew 5i(2).”;

(5) L-Anness ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala Anness XIV għar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

ANNEX

“ANNEX XIV

**LISTA TA' PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI LI SSIR REFERENZA GĦALIHOM
FL-ARTIKOLU 5h**

Bank Otkritie

Novikombank

Promsvyazbank

Bank Rossiya

Sovcombank

VNESHECONOMBANK (VEB)

VTB BANK”.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/346

tal-1 ta' Marzu 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ⁽¹⁾.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi bdew attakk fuq l-Ukrajna. Dak l-attakk huwa ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.
- (4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Bl-azzjonijiet militari illegali tagħha, ir-Russja qed tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-NU u qed iddghajfef is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Il-Kunsill Ewropew appella għat-tħejjija u l-adozzjoni urġenti ta' pakkett ta' sanzjonijiet individwali u ekonomiċi ulterjuri.
- (5) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, u b'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa xieraq li jiġu introdotti aktar miżuri restrittivi fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati lil ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu Russi u s-sussidjarji Russi tagħhom, li huma rilevanti għas-sistema finanzjarja Russa u li huma diġà soġġetti għal miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni jew mill-pajjiżi sħab u, suġġett għal ċerti eċċezzjonijiet, fir-rigward tal-impenn mal-Fond Russi tal-Investment Dirett. Huwa xieraq ukoll li tiġi pprojbita, suġġetta għal ċerti eċċezzjonijiet, il-provvista ta' karti tal-flus tal-euro lir-Russja.
- (6) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.
- (7) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu effettivi, jenħtieġ li hija tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 1e

Għandu jkun ipprojbit mit-12 ta' Marzu 2022 il-forniment ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati, li jintużaw għall-iskambju ta' data finanzjarja, lill-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness VIII jew lil xi persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja li jkollhom sjieda, direttament jew indirettament, ta' 50% jew aktar tad-drittijiet proprjetarji ta' xi entità elenkata fl-Anness VIII.

Artikolu 1f

1. Għandu jkun ipprojbit li jinbiegħu, jiġu pprovduti, trasferiti jew esportati karti tal-flus tal-euro lejn ir-Russja jew lil xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluż il-gvern u l-Bank Ċentrali tar-Russja, jew biex jintużaw fir-Russja.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fil-każ ta' bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro sakemm tali bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni jkun neċċessarju għal:

(a) l-użu personali ta' persuni fiżiċi li jkunu qegħdin jivvjaġġaw lejn ir-Russja, jew il-membri tal-familji immedjati tagħhom li jkunu qegħdin jivvjaġġaw magħhom; jew

(b) l-iskopijiet uffiċjali ta' misjonijiet diplomatiċi, postijiet konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali.”;

(2) fl-Artikolu 4b, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“3. Għandu jkun ipprojbit l-investiment, il-parteċipazzjoni jew il-kontribuzzjoni b'xi mod ieħor għal proġetti kofinanzjati mill-Fond Russu tal-Investment Dirett.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, xi parteċipazzjoni ta' investiment fi jew kontribuzzjoni għal, proġetti kofinanzjati mill-Fond Russu tal-Investment Dirett, wara li jkunu ddeterminaw li tali parteċipazzjoni ta' investiment jew kontribuzzjoni tkun dovuta taħt kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Marzu 2022 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.”;

(3) l-Anness għal din id-Deċiżjoni jiżdied bħala l-Anness VIII għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

ANNEX

“

ANNEX VIII

LISTA TA' PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1e

Bank Otkritie

Novikombank

Promsvyazbank

Bank Rossiya

Sovcombank

VNESHECONOMBANK (VEB)

VTB BANK”.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)